**Minuti tal-Seba' (07) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.30 ta' fil-għaxija.**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 6.30 p.m. | 8.55 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | Skuzata | (indisposta) |
| Membru Peter Abela | 6.30p.m. | 8.55 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 6.30 p.m. | 8.55 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 6.40p.m. | 8.55 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tas-Sitt (06) Laqgħa li nżammet nhar il-Erbgħa l-19 ta' Jannar, 2011**

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saru dawn il-korrezzjonijiet:

**(1)** F'item 2.04 fir-raba paragrafu jitħasssru l-kliem: **"u l-Kummissjoni Elettorali".**

**(2)** F'item 4.02 fl-aħħar tat-tieni paragrafu tiżdied sentenza: **"Ġie deċiż li l-Kumitat jistenna sa ma joħroġ tender ġdid meta tindibel is-sistema u naraw jekk il-problema tibqax".**

**(3)** F'item 4.03, (a) : it-tieni paragrafu isir item 4.03A, jitneħħew il kliem **"Huwa staqsa"** u jsiru **"Iċ-Chairperson staqsa…." u fit-tielet paragrafu tinqata' l-kelma 'huwa' u ssir 'Is-Segretarju'**

**(4)** F'item 4.04 fl-aħħar sentenza tal-aħħar paragrafu jitneħħew il-kliem **"bi tlett voti favur (Bartolo, Aquilina, u Abela) u żewġ voti kontra (Carmel Hili u Joseph Mario Hili). Il-mozzjoni għaddiet."** u tidħol il kelma **"unanimament."** minflok.

**(5)** Il-membru s-Sur Carmel Hili talab li fil-minuti jitniżżel il-kumment li għadda dwaru l-membru s-Sur Peter Abela fejn qal li "**in-nies jiddubitaw x'kulur huwa politikament**"

1.02 Saru l-korrezzjonijiet tal-minuti u ġew iffirmati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.01 –** Dwar it-tiżjin tal-Milied, iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li kienu ser jibdew jintalbu l-kwotazjonijiet tad-dawl u tiżjin ieħor.

2.02 **Dwar Item 2.02** –Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, informa li kien tranġa l-ħajt tas-sejjieħ u l-ħajt ta' ħdejn l-irziezet tal-Gvern.

2.03 **Dwar Item 2.04** – Intalbet kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kumitat u d-Dipartiment tal-Gvern dwar legalita ta' imġieba ta' xi membri tal-kumitat.

2.04 **Dwar Item 4.01** – Ġie propost li jiġi mistieden *supplier* ta' sistemi tat-traffiku solari u *beacons* biex jispjega dawn kif jaħdmu.

2.05 **Dwar Item 4.03** - Intqal li kien hemm bżonn li jitranġaw bankini li saritilhom ħsara minħabba l-pustier.

2.06 Dwar Item 4.03A – Intalab li jekk ma' tittiħed l-ebda azzjoni mill-Puluzija dwar il-klieb, il-Kumitat għandu jirraporta aktar il-fuq sabiex issir xi ħaġa dwar dawn il-klieb.

2.06 Dwar Item 4.03 - Ġie innotat b'ssodisfazjon li trakkijiet tal-Coca Cola ma' kienux għadhom jipparkjaw fuq il-bankina wara li kienet ittieħdet azzjoni mad-diriġenti ta' din il-kumpanija.

2.07 Dwar Item 4.04 – Inqrat ittra li ser tintbagħat lill-Gvern Ċentrali u l-media kollha.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

3.01 Iċ-Chirperson qal li kienet waslet korrispondenza mill-Kumitat tal-Festa ta' Burmarrad fejn talbu li jsir dawl biex idawlu salib mal-faċċata tal-Knisja. Ġiet innotata din il-korrispondenza u ġie deċiż li jittieħed parir dwar kif tista' tiddawwal aktar iż-żona ta' quddiem il-Knisja.

3.02 Korrispondenza minn TM tgħid li kienu approvaw li jsiru *Crash Barriers* fi Triq Toni Camilleri.

3.03 Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li kien ser jirrispondi dwar talba li saret sabiex isiru bollards fi Triq Toni Camilleri u dwar *railings* mitluba.

3.04 Korrispondenza minn TM li ma' approvatx *road-humps* fi Triq Manuel Bonnici ġiet innotata.

**4.00 *Welcome Boards.***

4.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo spjega li sena u nofs ilu l-Kunsill ried jagħmel *Welcome Boards* u kien ġie deċiż li jsiru billi jinstabu *sponsors.* Dawk ta' San Pawl il-Baħar kienu saru iżda tal-Wardija u Burmarrad kien għadhom ma' sarux. Huwa qal li kien informat li l-HSBC kien ser jisponsorja tabella waħda tal-Wardija u għalhekk kien hemm bżonn li jew jinstabu *sponsors* ukoll għal tliet tabelli oħra (waħda tal-Wardija u tnejn oħra ta' Burmarrad) jew jintalbu *quotations* għal dawn it-tabelli li kien jonqos.

**5.00 *Progress Report* fuq l-Iskemi**

**5.01** Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li huwa kien tkellem mal-Perit tal-Kunsill dwar il-bankina u kien hemm bżonn li jsir survey qabel ikun jista' jaħdem. Ġie deċiż li jitqabbad is-surveyer is-Sur Matthew Muscat sabiex jipprepara survey.

**5.02** Għandha ssir ukoll laqgħa mal-Perit Vassallo ta' TM dwar *re-alignment* tal-bankina faċċata ta' Bonnici Stores fi Triq il-Witja.

**5.03** Fiż-żona ta' San Pawl Milqi, il-Perit Etienne Magri ġie inkarigat jara jekk jistgħux isiru xi bankini u bankijiet għalkemm kien jidher li hemm xi diffikulta dwar dan.

**5.04** Kienet ser issir applikazjoni lill-MEPA dwar il-proġett tal-Playing Field f'Burmarrad. Il-Perit kien qed jaħdem fuq il-pjanta u din għandha tiġi iċċirkulata lill-membri tal-kumitat fi ftit żmien ieħor.

**6.00 Festa Bdiewa f'Burmarrad 2011**

6.01 Il-Kumitat ġie informat li s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said kien approva għotja ta' 3,000 Euro għal din l-attivita' mill-iskema ta' fondi għal attivitajiet kulturali. Il-Festa Bdiew F'Burmarrad 2011 kienet ser issir fit- 3 u 4 ta' Settembru, 2011. Ġie deċiż li jinħatru tliet membri sabiex jieħdu ħsieb l-organizazzjoni ta' din l-attivita'. Il-membri li ġew maħtura huma: Is-Sur Ray Bartolo, is-Sur Carmel Hili u s-Sur Peter Abela. Ġie propost li dawn il-membri jiltaqgħu mall-Kumitat Festa Burmarrad sabiex jinbdew il-preparamenti kemm jista' jkun kmieni.

**7.00 Ħwejjeġ Oħra**.

7.01 Is-Sur Peter Abela issuġġerixxa li jekk il-Wardija Fest li kellha ssir fl-aħħar ta' Mejju kienet ser ikun taħt il-patroċinju tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, allura hemm bżonn li nibdew napplikaw ghall-permessi. Iċ-Chairperson saħaq illi ghalkemm jaqbel mal-kunċett li l-Kumitat Amministrattiv jorganizza dawn l-attivitajiet, l-ewwel għandha tiġi kkonsultata is-Sinjura Simone Aquilina, peress illi hi l-persuna inkarigata

mill-Wardija, qabel jiġi deċiż min ser ikun involut fl-organizzazjoni ta' din il-Wardija Fest.

Is-Sur Abela semma wkoll il-problema tal-*parking* fuq il-bankini fi triq prinċipali ta' Burmarrad.

7.02 Il-Membru s-Sur Carmel Hili talab li jiġi awtorizzat mill-Kumitat biex jaħdem fuq fejn tista' ssir latrina publika f'Burmarrad. Il-Kumitat qabel.

Is-Sur Carmel Hili talab li jingħata kopja tal-minuti tal-Kumitat dwar *Street Furniture*. Is-Sur Ray Bartolo wieġeb li dawn għad iridu jiġu approvati meta jerġa jiltaqa' s-sotto-kumitat qabel jitqassmu.

Is-Sur Carmel Hili qal li l-ħajt tas-sejjieħ fi Triq l-Insolja ma' Triq Manwel Bonnici kien perikoluż u kien hemm bżonn li dan jitranġa.

Huwa staqsa jekk kienx sar progress dwar Triq id-Dwieli. Is-Sur Ray Bartolo wieġeb li din kienet f'idejn il-ħaddiema tal-MRRA sabiex isir ix-xogħol iżda kien ġie informat li bħal issa dawn kienu mħabbtin b'xogħol ieħor.

7.03 Il-Membru Joseph Mario Hili qal li kien hemm bżonn ta' manutenzjoni ta' bankini għaliex kien hemm ħafna ħsarat fil-*culverts* tal-ilma. Kien hemm bżonn li jinbeda xogħol ta' bdil ta' dawn il-*covers* tal-*culverts* miksura u għalhekk ix-xogħol għandu jibda mit-triq prinċipali ta' Burmarrad fil-parti bejn l-'In&Out Bar' sal-'Premier Car Dealer'.

7.04 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo qal twaħħlet il-mera f'San Pawl Milqi u li t-*traffic-lights* ta' ħdejn il-MEUSEUM issa kienu qed jaħdmu. Kienu tbiddlu wkoll xi *flower-pots* u saru oħrajn ġodda.

Is-Sur Bartolo qal li kien qed jissuġġerixxi li jsir patching fil-Wardija ħdejn Palazzo Dei Baroni. Dan ġie approvat unanimament.

Is-Sur Bartolo talab u ġie approvat li jsiru xi floodlights biex tiddawwal aħjar iż-żona ta' quddiem il-knisja ta' Burmarrad u anke li jiġi msebbaħ aktar il-ġnien.

**5.00 Għeluq**.

Il-Laqgħa spiċċat fid-8.55 ta' filgħaxija.

Ray Bartolo
Chairperson

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv.